# Il-Fjuretti tal-Ganitill

*kitba ta' Louis VASSALLO*



*Nixtieq nibda billi ngħid xi ħaġa dwar l-isem ta' dan ix-xogħol. Infatti nsibu ħafna verżjonijiet, imma jien għażilt il-kelma 'GANITILL', kif jgħidha l-Professur Ġużè Galea, fil-ktieb 'Xogħol u Snajja ta' l-Imgħoddi'.*

Il-festi reliġjużi li jiġu organizzati f'kull belt u raħal f'dawn il-gżejjer, jagħmlu sehem mill-patrimonju tagħna. Huma dawn il-purċissjonijiet fil-festi li jagħtuna karattru individwali Malti. Il-festa tal-patrun jew patruna, hi l-ikbar manifesstazzjoni mlewna li fiha, darba fis-sena, tispikka fuq kull ħaġa oħra l-vara għażiża. L-użu tal-vari fil-festi żviluppa u kiber f'dawn l-aħħar erba' mitt sena. Kull vara tiġbed l-ammirazzjoni ta' eluf ta' turisti li jiġu għall-btala tagħhom, l-aktar matul is-sajf meta l-istaġun tal-festi jkun fl-aqwa tiegħu. L-istatwa hija wkoll l-għożża ta' ħutna l-emigranti fl-artijiet imbiegħda. Imma sikwit jiġri li ċerti ħwejjeġ aktarx noħduhom *'for granted'*. Għax il-vara ma tikkonsistix fl-istatwa nnifisha biss. Il-pedistall u l-bankun huma parti integrali biex il-vara tkun kompleta kif imdorrijin narawha armata fil-jiem tal-festa. Imma żomm! Jonqos insemmu xi ħaġa oħra! Qatt tajna każ ta' dawk l-erba' fjuretti tal-ganitill li jkunu ma' kull ġenb tal-pedistall? Jekk le, allura qajla ninteressaw ruħna biex infittxu kif tinħadem din is-sengħa ta' sabar u reqqa liema bħala? Dan ix-xogħol delikat li kien komuni fit-tmintax u d-dsatax-il seklu sa qrib it-tieni Gwerra Dinjija, għandu jgħaġġeb lil min jaraħ u jistħoqqlu li jkun apprezzat aktar minn kull min għandu għal qalbu l-ġieħ u l-ħarsien ta' wirt artna.



*Fjuretti mlewna, mpoġġijin bejn il-gandlieri fuq l-altar tas-Salib fir-Rotunda tal-Mosta, għall-jiem tal-festa ta' l-Assunta.*
*(Ritratt: Louis Vassallo)*

## Għall-Kenn tal-Monasteri

Il-Malti nissel l-isem ta' din is-sengħa mill-kelma Taljana *'cannutiglio'*. L-opri tal-ganitill (jew granotill, kif isejħulu xi wħud) kienu jikkonsistu f'bukketti ta' ward artifiċjali li bihom kienu jżejnu u jarmaw l-vari, l-artali tal-knejjes u l-gredenzi tas-swali. Il-fjuretti tal-ganitill kienu jkunu magħmula minn ħjut tad-deheb u tal-fidda, frak tal-ħġieġ u materjal ieħor ileqq. Ma kienx ward kompost minn kompożizzjoni ta' plastik, tad-drapp jew fjuri u weraq niexef kif inhu mitlub li jsir illum il-ġurnata. Dan ix-xogħol sab il-kenn tal-monasteri fejn is-sorijiet li jindaħlu għalih kienu jitħarrġu tajjeb biex finalment jitgħallmu s-sengħa li daż-żmien naqset mill-popolarità li kellha qabel. Kien hawn nies oħrajn li jaħdmu l-ganitill iżda l-livell tax-xogħol li kien joħroġ minn idejn is-sorijiet kien fi klassi għalih. Din is-sengħa, is-sorijiet ma kienux jaħdmuha individwalment bħal ma ngħidu aħna l-ħjata u r-rakkmu. Kien xogħol kollettiv bejn tliet dipartimenti importanti li kienu: id-disinjaturi, il-kostrutturi u l-kompożituri. Is-sens ta' *teamwork* kien essenzjali biex finalment joħroġ prodott professjonali.

## Paċenzja ta' Ġob

Il-bidu tax-xogħol tal-ganitill kien f'idejn id-disinjaturi. Bil-kreattività tagħhom kienu jħożżu ward, weraq, blanzuni u żbul biex jagħtu d-dehra aktar dehbiena. Wara li titlesta din il-fażi, kienu jidħlu fix-xena l-kostrutturi biex ifasslu l-qafas tal-ganitilja fuq il-linji li jkunu ħażżewlhom id-disinjaturi. L-aktar oġġett importanti f'din is-sengħa hi l-ganitilja li kienet u għadha tiġi importata mill-Ingilterra, Franza u l-Ġermanja. Il-ganitilja hija speċi ta' spaga vojta minn ġewwa, magħmula minn ħjut tal-metall mibrumin bħal tubu rqiq. Il-kulur tagħha hu ta' lewn id-deheb jew fidda. Il-kostrutturi kien jeħtiġilhom għajnejn ta' seqer biex idaħħlu l-passiperla ġewwa l-ganitilja u hekk jiffurmaw bħal fili sħaħ li jitgħawwġu kif ikun meħtieġ. B'dawk il-fili kienu joħolqu l-bordura ta' bosta petali u weraq. Fl-aħħar kien ikun



*Tnejn mill-erba' fjuretti tal-ganotilja, li bihom ikun imsebbaħ l-Altar Maġġur tal-knisja tagħna matul il-festa. Dawn kienu nħadmu minn Carmela Mercieca mill-Mosta bil-prezz ta' £3 'il wieħed. Kien ħallas għalihom il-Prokuratur ħabrieki Dun Anġ Camilleri.*
*(Ritratt: Louis Vassallo)*

imiss is-sehem tal-kompożituri. Dawn b'paċenzja ta' Ġob kienu jimlew l-ispazju ta' ġewwa l-bordura bi ħjut tal-ħarir ta' lwien differenti. Dan kien jitlob sengħa kbira biex jinsġu l-ħarir bejn il-ġnub tal-bordura ħalli b'hekk jissawwru petali u weraq ta' għamliet diversi. Barra l-ganitilja, il-passiperla, il-ħjut tad-deheb u l-fidda u l-ħarir kienu jużaw ukoll il-lewlu, antaċċjoli, żibeġ u fosos biex jfformaw iz-zkuk u l-qalba tal-warda jew il-buttun tal-blanzun. Wara li l-fjuri u l-weraq ikunu lesti, kienu jorbtu kollox bil-passiperla u b'hekk jifformaw fjuretti ta' daqsijiet differenti skond l-ordni tal-klijent. Il-fjuretti kienu jitpoġġew f'gastri ta' l-injam miżbugħin sabiħ u ndurati jew f'oħrajn tal-metall. Dawk ta' daqs iżgħar kienu jqegħduhom ġo vażetti tal-kina ndurati, li llum saru rari ħafna. U b'hekk il-fjuretti tal-ganitill ikunu lesti għal madwar l-istatwa devota jew biex jitpoġġew bejn il-gandlieri fuq l-artal għall-jiem tal-festa!

## L-Għodda meħtieġa

Kull sengħa titlob l-għodda tagħha u dik tal-ganitill mhix eċċezzjoni. L-għodda kienet tiġi wżata fil-kamp tal-kompożituri fejn kien jeħtiġilhom li jkollhom Matul is-snin, din is-sengħa antika, tidher li twaħħdet sewwa ma' dak kollu li hu sagru u li tixraq wisq ma' l-ambjent eleborat li bih huma msawrin il-knejjes Maltin u Għawdxin. Però kienu jsiru wkoll ordnijiet tal-ganitill għall-użu personali. Għalhekk kienu jissawru fjuretti żgħar biex ipoġġuhom taħt il-bozoz tal-ħġieġ, biex iżejnu s-swali tal-vilel. Fost il-bosta mobbli sbieħ, kont issib il-gradenza ta' l-injam, kultant b'xi salib ta' San Ġwann intarsjat. Fuqha kienu jpoġġu xi arloġġ antik Malti u żewġ fjuretti tal-ganitill, wieħed fuq kull naħa. Kienu popolari f'bosta djar ta' klassi għolja, il-Bambini tax-xemgħa mdawrin b'arranġamenti mill-aqwa ta' fjuri u friefet tal-ganitill u jindokrawhom f'bozza tal-ħġieġ bħal dawk tal-bukketti. Illum tarahom għal bejgħ għand il-ħwienet ta' l-antikitajiet għax saru meqjusa bħala oġġetti ta' valur artistiku, kif fil-fatt huma!

## L-Istatwa tas-Sartx

F'nhar il-festa, il-vara tagħmel id-dawra tagħha ta' darba f'sena, madwar it-toroq imserrpa tar-raħal qadim jew ta' belt li tiftakar il-miġja tal-kavallieri f'dawn il-gżejjer. U x-xemx tifrex l-imrieżaq tagħha fuq l-induratura ta' l-istatwa u jibqgħu niżlin bħal vleġeġ fuq il-fjuretti tal-ganitill li jirriflettu tgħidx kemm. Il-maġġoranza tal-vari li jinsabu meqjuma fil-knejjes ta' Malta u Għawdex jinsabu mdawrin bi ġnien ta' ward leqqien tal-ganitill. Ħaġa kurjuża, li lili bħala Mosti dejjem ħammimt fuqha, hi l-fatt li l-istatwa għażiża ta' Santa Marija m'għandiex dan il-wirt għażiż li darba kellha. L-istatwa oriġinali kienet ġiet skolpita fl-injam fl-1868 mill-iskultur Mosti Mastru Salv Dimech (1805-1887), magħruf bħala 'Is-Sartx'. Fl-1908, meta Dun Anġ Camilleri kien prokuratur tar-Rotunda, kien ordna



*Il-fjuretti tal-ganitill li darba kienu madwar l-istatwa ta' Santa Marija tas-Sartx, illum jinsabu jsebbħu l-istatwa ta' Kristu Irxoxt.*
*(ritratt: Raymond Gauci)*



*Doris Tonna, omm żagħżugħa mill-Mosta, qiegħda żżomm ħaj dan il-patrimonju fi żminijietna. Dan ix-xogħol tassew fin u ta' paċenzja kbira, kien esebit għall-pubbliku f'Wirja Marjana, li l-Għaqda Talent Mosti tellgħet għall-okkażjoni tal-Festa 1999 fir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone, il-Mosta.*
*(ritratt: Louis Vassallo)*

erba' gastri tal-metall bil-fjuretti tal-ganitill u girlanda u mazzettuni tal-ganitill ukoll għall-anġli. Fl-1948, l-iskultur Ċensu Apap ġie mqabbad biex jimmodifika l-istatwa u hekk ħadet il-bixra kif narawha llum. Imma l-fjuretti tal-ganitill ma reġgħux sabu posthom fuq il-bradella meta żżanżan il-bankun il-ġdid fl-1957. B'xorti tajba dawn għadna nistgħu ngawduhom fi żmienna u jinsabu jsebbħu l-istatwa ta' Kristu Irxoxt meqjuma fil-knisja tagħna.

## Bambini tal-Bozza

Matul is-snin, din is-sengħa antika, tidher li twaħħdet sewwa ma' dak kollu li hu sagru u li tixraq wisq ma' l-ambjent eleborat li bih huma msawrin il-knejjes Maltin u Għawdxin. Però kienu jsiru wkoll ordnijiet tal-ganitill għall-użu personali. Għalhekk kienu jissawru fjuretti żgħar biex ipoġġuhom taħt il-bozoz tal-ħġieġ, biex iżejnu s-swali tal-vilel. Fost il-bosta mobbli sbieħ, kont issib il-gradenza ta' l-injam, kultant b'xi salib ta' San Ġwann intarsjat. Fuqha kienu jpoġġu xi arloġġ antik Malti u żewġ fjuretti tal-ganitill, wieħed fuq kull naħa. Kienu popolari f'bosta djar ta' klassi għolja, il-Bambini tax-xemgħa mdawrin b'arranġamenti mill-aqwa ta' fjuri u friefet tal-ganitill u jindokrawhom f'bozza tal-ħġieġ bħal dawk tal-bukketti. Illum tarahom għal bejgħ għand il-ħwienet ta' l-antikitajiet għax saru meqjusa bħala oġġetti ta' valur artistiku, kif fil-fatt huma!

## Il-Frott tal-Baħar

L-immaġinazzjoni f'din is-sengħa tilgħab parti importanti biex dawk li jaħdmu dan ix-xogħol, johorġu bi prodotti friski li jpaxxu l-għajn. Għalhekk kienu jaqblu mal-bukketti tal-ganitill, ornamenti magħmulin mill-frott tal-baħar. Kien jispikka fihom il-fantasija ta' l-artist, fejn bl-użu ta' kull daqs u lewn ta' bosta bebbux, arzell, imħar, għadam tas-siċċ u bċejjeċ ta' qroll ħamrani kienu jagħtu dehra affaxxinanti. Il-forom tal-fjuri u weraq kienu joħolquhom minn dak kollu li joffri l-baħar u x-xtajtiet li jwennsuh! M'għandniex xi ngħidu, kien xogħol li jrid jiġi rranġat bil-gost u s-sengħa biex jiġu ffurmati suriet differenti.

## Tlieta u Erbgħin Student

Iż-żminijiet jitbidlu. U Malta qiegħda titlef ħafna mid-drawwiet u snajja' ta' l-imgħoddi. Imma fuq ix-xogħol tal-ganitill ma nistgħux nitkellmu fuqu b'ċerta nostalġija. Għall-grazzja t'Alla, dan il-wirt għażiż li ħallewlna missirijietna, għadu jiġi mgħallem fl-iskola ta' l-Artiġjanat Salvatore Dimech f'Tarġa Cap, il-Mosta. Fl-1999, f'din l-iskola attendew madwar tlieta u erbgħin persuna ta' etajiet differenti biex jitħarrġu f'dan il-qasam. Ta' min isemmi li s-*C.O.S.* (*Central Office Statistics* - Malta) kienet għamlet ordni f'din l-iskola biex isiru mitt *souvenir* bil-fjuri tal-ganitill biex irregalathom lil delegazzjoni barranija li kienet il-mistiedna tagħha f'Ottubru ta' l-1998. Ix-xogħol inħadem kollu mill-istudenti taħt is-sorveljanza ta' l-għalliema tagħhom, is-Sinjorini Aloisia Pace u Emma Borg. Barra minnhekk, xi individwi oħra jgħallmu din is-sengħa lill-istudenti tagħhom fi djarhom. Għadek issib sorijiet u anke xi patrijiet li fil-ġabra ta' madwarhom jaħdmu l-ganitill.

## Art Tajba

B'xorti tajba fil-Mosta, ix-xogħol tal-ganitill jidher li sab art tajba biex jifrex għeruqu. Fost oħrajn, insemmi biss tlieta li nzertajt nafhom mill-viċin. Sharlo Vella, Doris Tonna u Paċik Fenech huma Mostin li għandhom biex ikunu kburin li qegħdin iżommu dan il-patrimonju ħaj fil-millennju l-ġdid. Imma rrid nirrimarka l-punt li llum dawk li jaħdmu l-ganitill, iridu jagħmlu x-xogħol kollu waħedhom, mhux kif kien isir fil-monasteri tas-sorijiet fejn il-proċess kien jinqasam fi tlett dipartimenti! L-ordnijiet tal-klijent jinbidlu skond iż-żmien. Għalhekk qegħdin jinħadmu *souvenirs* għat-tiġijiet. Dawn jikkonsistu fi fjuri u weraq tal-ganitill li jqarrstu magħhom perlini tal-lewż u kartolina ċkejkna ta' rikordju. Jinħadmu wkoll kuruni bil-ward tal-ganitill, għall-ilbiesi tal-preċett u tat-tieġ. Dawn huma eżempji ċari, ta' kif wieħed għandu jibqa' jżomm ħajja din is-sengħa fostna l-ulied tal-progress u l-informatika!

**Referenzi:**


a) *Ġużè Galea, XOGĦOL U SNAJJA' TA' L-IMGĦODDI (Veritas Press, 1972).*
b) *Ġużè Cassar Pullicino, L-IMGĦODDI TAL-ĠENS TAGĦNA, (Media Centre Publications, 1990).*
c) *Ktejjeb tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta (Festa 1998).*
d) *Treasures of Malta, Summer 1998 (Vol. IV No. 3).*
e) *Ħajr ukoll ta' xi tagħrif li ksibt mingħand Dun Salv Magro u Sharlo Vella.*



Din l-istatwetta antika ta' Santa Marija li hi mżejna dawramejt b'arranġament artistiku tal-ganitill, kienet esebita fil-Wirja Marjana ta' statwi żgħar fil-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina. Din il-wirja kienet organizzata minn Dun Edgar Vella f'April 1999. (ritratt: Louis Vassallo)



l-Kappella tad-Duluri tas-Sur Carmelo Agius fi Triq it-Torri, il-Mosta. Din is-sena l-altar ġie mżejjen b'sett ta' fjuretti ġodda tal-ganitill maħdum mill-Mosti Sharlo Vella.

